# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum, 8 ta' Ottubru 2021**

**Cit. Nru: 39/2019 JPG**

**Kawza Nru.: 21**

**TM**

**Vs**

**MM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' TM, datat 7 ta' Frar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fl-24 ta' Frar 1990, skond kif jirrizulta mill-estratt ta' l-Att taz-zwieg hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok A;*

2. *Illi mill-imsemmi zwieg twieldu zewg ulied ossija SM, mwieled nhar is-7 ta' Lulju, 1990 u KM imwielda nhar fl-10 ta' Lulju 1991, it-tnejn maggorenni;*

3. *Illi l-imsemmi SM ghandu kundizzjoni medika msejjha Attention Deficit Hyperactivity Disorder (ADHD) u jsofri minn dizabilitajiet ta' natura intelletwali ohra li jaghmlu hajjet l-esponenti difficilisimma ferm. Illi fil-fatt, l-esponenti ma tistax tahdem minhabba li t-tifel jirrikjedi li jkollu xi hadd mieghu il-gurnata kollha. L-esponenti qeghda wkoll, waheda tinkorri spejjez kbar ghat-trobbija tal-istess tifel;*

4. *Illi inoltre, l-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet m'ghadhiex iktar possibbli u dan stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba tort imputabbli unikament lill-intimat, konsistenti f'eccessi, sevizzi u ingurji gravi inter alia l-abbuz konsistenti mid-droga, kif ukoll minhabba inkompatibilita' serja ta' karattru;*

5. *Illi l-partijet illum ghalkemm ghadhom jirrisjedu taht l-istess saqaf, jghixu hajja separata minn xulxin. Huwa difficli ghall-esponenti li tbiddel ir-residenza taghha u dan ghaliex il-fond fejn il-familja Misfud tabita huwa stutturat b'tali mod u manjiera biex jiffacilita' l-hajja tat-tifel taghhom u anki ghax tibdil daqstant drastiku ikun ta' detriment ghat-tifel;*

6. *Illi l-intimat ghandu vizzju tad-droga u l-esponentoi thoss li ma jistghux jibqghu jirrisjedu taht l-istess saqaf minhabba l-imgieba tal-intimat meta jkun taht l-effett ta' sustanzi illeciti;*

*Ir-raguni tat-Talba*

7. *Illi minkejja t-tentattivi li saru mill-esponenti sabiex tasal ghal ftehim bonarju dwar is-separazzjoni personali taghhom, dan ma sehhx proprju minhabba l-fatt li l-intimat m'attendiex ghall-maggoranza tas-seduti quddiem il-Medjatrici u ghalhekk il-esponenti kienet kostretta titlob rimedju gudizzjarju;*

8. *Illi permezz ta' Digriet datat it-22 ta' Dicembru, 2018 li kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok C, moghti wara li nghalqu l-proceduri ta' medjazzjoni bejn il-partijiet, ir-rikorrenti giet debitament awtorizzata illi tipprocedi bl-istanti, u ghalhekk fin-nuqqas ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, qieghda ssir din il-kawza;*

9. *Illi l-prezenti proceduri qieghdin isiru sabiex tigi ddikjarta s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-Ligi, u sabiex jigu kkomminati fil-konfront tal-konvenut id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 et seq u l-Artikolu 55A tal-Kodici Civili;*

10. *Illi dawn il-fatti huma a akonoxxenza diretta tar-rikorrenta.*

*It-Talbiet*

*Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex:-*

1. *Tiddikkjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimat kif fuq premess, u tawtorizza lill-esponenti tghix fl-istess fond matrimonjali separatament minn ma' l-intimat u dana sabiex nissalvagwardjaw l-aqwa interess ta' SM;*

2. *Tafda l-kura u kustodja ta' SM esklussivament mar-rikorrenta;*

3. *Tillikwida u tiffissa retta alimentari xierqa pagabbli mill-intimat lir-rikorrenta ghaliha u ghall-imsemmi SM;*

4. *Tillikwida u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

5. *Tapplika l-effetti ta' l-Artikolu 48 et seq. tal-Kodici Civili kontra l-intimat, u favur l-attrici u konsegwentement tiddikjara illi l-intimat tilef il-jeddijiet imsemmijin fl-Artikoli 631 u 633 tal-Kodici Civili kif ukoll dak kollu illi kien kiseb b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg jew wara z-zwieg jew b'titolu iehor gratwitu, minghand ir-rikorrenti, illi ghalhekk ghandu jigi rritornat lilha, kif ukoll jedd ghan-nofs ta' l-akkwisti illi saru wara data stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti bhala d-data meta l-intimat irrenda ruhu hati tal-firda, liema akkwisti ghandhom jibqghu kollha ghar-rikorrent;*

6. *Tenut kont ghar-raba' u l-hames talba, tiddividi l-assi kollha appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti, f'ishma illi mhux necessarjament ikunu ugwali, u tassenja sehem lil kull wiehed mill-partijiet;*

7. *Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci;*

8. *Tawtorizza lir-rikorrenti jirregistra s-Sentenza ta' dina l-Qorti fir-Registru Pubbliku ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi.*

Rat li l-atti tar-rikors, d-dokumenti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ppresenta ebda risposta;

Ghaldaqstant l-intimat kontumaci (Vide fol 79);

Rat il-fakolta moghtija lill-intimat ai termini tal-Arti 158(10) tal-Kap 12 sabiex jippresenta is-sottomissjonijiet tieghu;

Rat illi l-intimat baqa' inadempjenti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat is-sentenza in parte datata 14 ta' Lulju 2021 ghar-rigward il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti; (Atti numru 39/2019/3);

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici TM xehdet nhar l- 4 ta' Frar 2021 in ezami** *(vide fol 55 et seq)* fejn spjegat illi hi u l-intimat izzewgu madwar disgha u ghoxrin (29) sena ilhu u li minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal, b'dana illi binhom il-kbir SM jbaghti minn disabilita mentali u cioe, l-awtismu. Izzid illi meta zzewgu, iz-zewg partijiet kellhom problema ta'droga, izda wara sena l-kontendenti dahlu u segwew programm. Tirrileva illi ormai ilha mis-sena 1992 clean. Jirrizulta illi l-kontendenti kienu gradwaw mill-programm xi sentejn wara l-kors, izda illum taf li l-intimat kien rega waqa fin-nasba tad-droga. Tixhed illi l-intimat qatt ma kien jippartecipa fit-trobbija tal-minuri u li ghalkemm dejjem kellha bzonn l-ghajnuna mat-tifel, ghaliex it-tifel huwa difficli hafna tant li qas id-Dar tal-Providenza ma zammewh, dejjem ghex maghha biss, tant li bintha giet bzonn l-ghajnuna mir-Richmond Foundation ghaliex kienet thossha emarginata. TM xehdet li dejjem

kellha l-ghajnuna tal-genituri taghha. L-intimat minn naha tieghu, dejjem kellu prijoritajiet differenti u l-passatempi tieghu kienu jigu l-ewwel u qabel kollox u dawn kienu jinkludu l-armi, kacca, kazini u l-isparar fir-ranges.

Tixhed illi it-tifel gieli gie msawwat minn missieru li kien aggressiv mieghu, tant li darba minnhom anke tkisser television. L-intimat kien ikellem lit-tifel b'certu aggressivita, waqt li l-attrici kienet tifhem li hemm bzonn li tittratta mat-tifel bil-mod u bil-hlewwa. L-attrici spjegat ukoll l-intimat ma kienx jahdem, u kien ilu ma jahdem ghal dawn l-ahhar hmistax (15) – il sena. L-attrici sostniet li ma tohrogx mid-dar, ghaliex hija l-unika dar attrezzata ghall-htiegijiet tat-tifel, u dana stante li hija kienet hadet post tal-gvern isfel sabiex tkun f'qaghda li tindokra lit-tifel. Xehdet illi recentement lanqas biss ma kienet qed tiehu lit-tifel id-dar minhabba l-istat imwier li fih tinsab id-dar kawza tan-negligenza u hmieg li kien qed jiggenera l-intimat. Illi ghalkemm bintha offrietilha li tmur tghix maghha, l-attrici sostniet illi dan ma kienx prattiku stante li bintha ghadu kif kellha tarbija li ghandha circa disa' (9) xhur waqt li binha huwa goff ghal mat-tarbija. L-attrici xehdet li d-dar hallieta "plain" biex ikun komdu u safe ghat-tifel. Ricentement l-attrici kellha tigi rikoverata l-isptar u kontra qalbha, bintha flimkien ma mas-social worker kienu sabu post ghat-tifel f'residenza Birzebbuga,li kienet attrezzata u addattata ghalih. Illi it-tifel bil-mod kien beda jmur tajjeb mal-carers tieghu.

Rigward il-kontribut finanzjarju tar-ragel, tispjega illi hi qatt ma setghat tahdem minhabba t-tifel u fil-passat kien l-intimat li jghinha flimkien mal-genituri taghha, f'dan l-aspett. Illum il-gurnata l-intimat m'ghadux jikkontribwixxi il-ghaliex rega' qabad il-problena tad-droga u il-ftit flus li kellhom mwarrba harbathom. Izzid illi l-intimat anke ghamel xi djun u ghalkemm ppruvaw johduh il-Caritas, baqa jirrifjuta li jmur, tant li qieghed imur jitkarrab mat-tifla tieghu ghall-flus. Filfatt tishaq illi ilhu madwar erba snin ma jtiha manteniment ghat-tifel. Tispjega illli illum l-gurnata hemm kont pendenti mal-Arms u entitajiet ohra u kellha taqleb is-servizz tat-television ghal wiehed basic. L-intimat anke waqaf jaghmel il-pagamenti ghall-loan tal-karozza.

Tixhed illi hija qieghda tqatta il-granet taghha mat-tarbija tat-tifla, titlaq mid-dar xit-8:00am u tasal lura id-dar xid-21:00, fejn qieghda ssib id-dar f'stat dizastrus. Izzid illi sahansitra l-intimat qed idur ghall-kalmanti peress li ma ghandux flus biex jixtri d-droga u meta kkonfermat mal-psikjatra tieghu ndunat li kien qieghed jixtri l-valium.

**Maryanne Bonavia, Service Leader ma' Agenzija Appogg xehdet in ezami nhar it- 3 ta'Gunju 2021 (vide fol 70 A et seq)** spjegat illi hija ilha taf lil SM ghal dawk l-ahhar tmintax

(18) – il sena u hadmet mieghu kemm fuq bazin one-to-one fis-servizz tal-komunita u anke bhala residential leader gewwa d-dar ta' Birzebbuga. Tirrileva illi SM ghandu **severe autisim** u juri *challenging behaviour*, tant li jekk hi tkun fuq telefonata u hu qieghed hdejha, ha jerfa' jdejh biex ikollu l-attenzjoni kollha taghha. Ghalhekk jehtieg attenzjoni kontinwa. Apparti c-*challenging behaviour,* ghandu ukoll *aggressive behaviour* fejn jghajjat, jerfa' idejh fuq persuni, jkisser affarijiet, tant li l-ambjent li jghix fih irrid ikun addatat ghalih. Tispjega illi peress li SM ibghati mill-awtizmu, huwa essenzjali li jkollu rutina u *pattern*, li ma jkunx hemm bidliet u li d-dar tal-partijiet filfatt hija attrezzata tajjeb, fejn fil-kamra ta SM anke ghandu affarijiet li jirrilassawh u tippresenta ambjent sigur ghal SM.

Izzid illi l-attrici dejjem kienet tkun ma' SM li llum ghandu madwar tletin sena, u l-hajja taghha dejjem imxiet ma' SM, anke jekk kienet tmur tixtri l-bzonnijiet tal-familja, kienet tmur x'hin Bonavia tmur ghall-SM. Peress li SM ma kienx imur skola ghaliex ma kienx accettat fid-*day centre* minhabba li ma kienx addattat ghalih, SM kien ikun il-hin kollu d-dar. Illi pero' minn naha tal-missier, ma kienx hemm *engagement*. Filfatt SM ma tantx kien ifittexx lil missieru, stante li m'hemmx relazzjoni tajba bejniethom. Tispjega illi madwar tlett snin ilhu, SM kellu bzonn jaghmel *a major operation*, u kienet l-attrici li kienet torqod mieghu u kienet tqatta hafna hin ma' SM, mentri l-missier bilkemm kien jigi jarah tant li SM ma jfittxux. Tixhed illi l-intimat ma kienx jaf imur ma' SM. Infatti, meta SM kien jgholli lehnu, l-missier kien jghajjat mieghu bl-herra u dan kien jiskonvolgi lil SM li kien jiffrustra ruhhu aktar. L-intimat gieli anke kaxxkar lil SM barra mill-karozza tal-attrici, mentri bis-*sweet talk* SM kien johrog mill-karozza bil-kwiet. Illi ma kienx hemm relazzjoni bejn il-missier u l-iben, u filwaqt li lill-omm kien ihobb jghannaqha, kien imur jerfa' jdejh fuq l-missier. Tishaq illi kienet hi li kwazi mbuttat lill-attrici biex iddahhal lil SM fir-residenza, ghaliex id-*demands* ta' SM iktar kienu qed jizdiedu u li kien ser ikun aktar difficli ghaliha minhabba l-eta taghha u minhabba s-sitwazzjoni tad-dar. Ghalhekk l-attrici ma kellhiex wisq alternattiva.

Filfatt tirrileva illi SM ta spiss filli jkun miexi u filli jintelaqlek mal-art, u biex tqajmu jkun difficli, tant li meta jkunu fuq *outings*, ikun hemm zewg carers ma' SM. L-istess jigri meta juri *challenging behaviour* fil-*home*, irridu jkunu tnejn jew tlieta biex jikkwietawh him, sabiex jevitaw li jwegga hu jew iwegga lil xi hadd.

**Mariella Dimech, psychotherapist xehdet in ezami nhar l- 14 ta' Lulju 2021 (vide fol 81 et seq)** fejn spjegat illi fis-sena 1992/1993 il-partijiet kienu dahlu San Blas, u dak iz-zmien hija kinet tahdem tahdem San Blas ghalkemm illum m'ghadhiex, u kienu dahlu bhala residenti. Tispjega illi

kellhom problema ta' droga u kienu jaghmlu uzu minn kull tip kwazi, bhal eroina, kokaina, hash etc. Tirrileva illi l-program kienu lestewh kollu u dak iz-zmien SM kien ghadu baby u kellu problemi fizici kif ukoll mentali. Izzid illi meta telqu mill-program, b'certezza tghid illi l-attrici kienet dejjem kienet il-persuna li hadet responsabbilita ghall-minuri. Tul is-snin tispjega illi l-attrici baqghet f'kuntatt maghha, mhux ghax kellha problema bid-droga, ghaliex l-attrici baqghet clean, imma dejjem kienet qisha one man band, iffukata fuq it-tfal, imma kellha *pressures* diversi.

Tixhed illi l-attrici m'ghandhiex finanzi biex titlaq mid-dar u ghaliex hija dejjem ghazlet li tiffokka fuq it-tfal, baqghet soda minkejja l-fatt li zewgha kellu relapse, u baqghet clean minkejja li l-intimat kien jaghmel uzu tad-droga fil-presenza taghha. Tixhed illi huwa importanti hafna li t-tifel jibqa jibqa fl-istess residenza, fejn ma jkunx hemm chaos, u ghaliex l-attrici dejjem insistiet li trabbih hi, peress li meta jkun hemm il-chaos dan it-tifel jippanika, ikun aggressiv, u ma jiffunzjonax.

**Ikkonsidrat:**

Mill-atti jirrizulta illi ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat, huwa baqa' kontumaci f'dawn il-proceduri.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma' ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech*** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> ***"... huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghallgudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35;"***

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et noe.,*** Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:

> ***"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghallgudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx***

> ***pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta' Jannar 1991: "Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;"***

*Vide* ukoll sentenza fl-ismijiet ***Joseph Aquilina noe v. Lino Debono***, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara talba maghmula mir-rikorrenti, li tikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat minhabba eccessi, sevizzi u ingurji gravi kommessi minnu kontra taghha.

Fir-rigward tal-eccessi, intqal illi dawn huma:

> ***"tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni Rik.nru: 265/2018 JPG 10 misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge". Baudry Lacantinerie jghallem illi "Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima."***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> ***"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal strataġemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili".***

Fir-rigward ta' sevizzi imbaghad, dawn gew definiti bhala:

> ***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."3 Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione". 4 Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

Jinsab ritenut illi:

> ***"…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuġġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-*termini tal-Artikolu tal-*Kodiċi* Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel* senso *della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o 1 Fadda,* Giurisprudenza, Art.150, para. 214. 2 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. 3 Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius, Qorti *tal-Appell Civili, deciza 10 ta' Dic cembru 1951. 4 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. Rik.nru: 265/2018 JPG 11 l'animo* di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu *1898]."***

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-***ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

> ***"Dan il-komportament abitwali [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-*termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza***

> ***matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."***

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marthese Vella pro et noe vs George Vella*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi:

> ***"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet AB vs CB deciza fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet izzewgu fl- 24 ta' Frar 1990 u dana kif jidher mic-certifikat taz-zwieg esebit in atti (*Vide fol 5).* Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, SM li twieled nhar is- 7 ta' Lulju 1990 u KM li twieldet nhar l-10 ta' Lulju 1991, u llum ghandhom wiehed u tletin sena (31) u tletin (30) rispettivament. Illi kif irrizulta tul il-mori, iben il-partijiet SM ibati minn Attention Deficit Hyperactivity Disorder (ADHD) u kif ukoll isofri minn dizabilitajiet intelletwali ohra. Illi kif xehdet l-attrici, hija kienet drug addict, b'dana illi ilha *clean* mis-sena 1992, kuntrarjament ghall-intimat li rega kellu *re-lapse* madwar erba snin ilu.

Jidher ukoll illi ghalkemm il-partijiet ghadhom jghixu taht l-istess saqaf, u cioe fid-dar matrimonjali, il-partijiet jghixu hajja separata minn xulxin.

***Htija Ghat-Tifkrik taz-Zwieg***

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali tal-partijiet, ghal ragunijiet unikament imputabbli lil intimat.

Jirrizulta illi tul iz-zwieg, l-intimat dejjem naqas milli jaghti dak is-sapport lill-attrici, sapport li l-ligi stess tirrikjedi li konjugi jaghtu lil xulxin. Illi kif tixhed l-attrici, it-trobbija tal-ulied dejjem hadet hsiebha hi, specjalment dik ta' iben il-partijiet SM, liema trobbija certament ma kinitx wahda facli ghall-attrici in vista tal-kundizzjonijiet tal-istess wild. Illi fic-cirkostanzi wiehed jiprezumi illi il-konjugi jkunu ta' konfort ghal xulxin, izda l-intimat mhux talli ma kien ta' l-ebda konfort ghall-attrici, talli farfar kull responsabbilita' ghal fuq l-attrici, u aghar minn hekk, berbaq flus il-familja fuq drogi, xiri tal-armi, kazini u sustanzi ohra illeciti, meta kien ben konsapevoli illi l-piz li tefa' fuq martu setgha facilment jwaqqa' lill-martu f'*relapse*. Illi madanakollu l-Qorti tosserva illi l-attrici kienet kapaci li tibqa' ghaddejja fuq t-triq t-tajba, u tkompli ggorr wahidha l-piz kollu li ggib maghha t-trobbija ta' wild bhal SM.

Illi d-disinteress totali u n-nuqqas ta'sapport da parti tal-intimat vis-à-vis martu, huwa ukoll korraborat mix-xhieda ta' Mariella Dimech, psychotherapist li xehdet in ezami nhar l- 14 ta'Lulju 2021 *(vide fol 81 et seq)* fejn b'mod car stqarret illi kienet l-attrici li dejjem kienet il-persuna li hadet responsabbilita ghall-minuri, specjalment ghat-tifel u li l-attrici dejjem isha kienet a **"one man band."**

Irrizulta ukoll b'mod ampju illi l-intimat mhux biss naqas mid-doveri tieghu bhala ragel mizzewweg versu martu, imma wisq aktar, naqas bi kbir bhala missier versu uliedu. Din il-Qorti tosserva illi mit-testimonjanzi ta' Mariella Dimech u Maryanne Bonavia, l-intimat qatt ma prova jifhem lill-ibnu u/jew jifhem x'inhuma l-esigenzi ta' ibnu u l-kundizzjoni ta severe autism, u kif kellu jgib ruhhu ma' ibnu sabiex lill-istess ibnu jaghtih is-sapport u l-konfort li jehtieg. Bil-kuntrarju l-agir tal-intimat, kompla jawmenta l-frustrazzjoni ta' ibnu. Illi filfatt l-imsemmija xhieda, partikolarment Maryanne Bonavia spjegat illi bejn l-intimat u ibnu qatt ma kien hemm relazzjoni tajba, u li l-intimat qatt ma wera interess sabiex jibni rapport ma' ibnu, tant li SM kien jitratta l-missieru, l-intimat, b'mod aggressiv ghaliex minghandu qatt ma sab affezzjoni, kuntrarjament ghall-attrici ommu, fejn SM kien jilqaghha b'tghanniqa. Illi dan fl-umli fehma ta' din il-Qorti juri illi l-intimat kien inkapaci juri affezzjoni lejn u jibni relazzjoni ma ibnu u mhux vice versa.

Il-Qorti tosserva ukoll illi l-intimat ftit li xejn kien jikkontribwixxi mill-aspett finanzjarju, tant li l-attrici, li qatt ma setghet tohrog tahdem peress li hija kienet tiehu hsieb lil SM b'mod kontinwu,

kien ikollha titlob l-ghajnuna lill-genituri taghha, anke peress li kif xehdet l-attrici l-intimat kien **ilu ma johrog jahdem ghal dawn l-ahhar hmistax (15) – il sena.** Illi madanakollu, il-Qorti semghet li l-intimat ma kien jidejjaq xejn jonfoq flusu (moghtija mis-servizzi socjali) fuq drogi, armi u sustanzi illeciti ohra, tant li meta ma kienx ikollu flus biex jiffinanzja il-vizzji tieghu, kien imur jitlob il-flus jew lill-attrici jew lil bintu.

L-imgieba tal-intimat tul iz-zwieg tieghu mal-attrici huwa ferm deplorabbli u censurabbli, u jirraprezenta ksur lampanti tad-doveri tal-intimat bhala ragel mizzeweg u tad-doveri tieghu qua missier versu uliedu.

Il-Qorti taghraf illi minkejja li kien kontumaci, l-intimat xorta wahda kellu dritt illi jaghmel kontro-ezamijiet tax-xhieda prodotti mir-rikorrenti u jressaq nota ta' sottomissjonijiet tieghu, izda huwa baqa' ma kkontesta bl-ebda mod il-provi prodotti minnha u naqas addirittura milli jintavola s-sottomissjonijiet tieghu minkejja l-opportunita moghtija lilu minn din il-Qorti biex jaghmel dan.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tfarrak unikament htija tal-imgieba ingurjuza u sevizzjevoli tal-intimat fil-konfront ta' martu r-rikorrenti u tan-nuqqasijiet serji minn naha tal-intimat fid-doveri legali tieghu bhala ragel mizzewweg u missier tal-familja. Illi dan gie rikonoxxut fis-sentenza fl-ismijiet: **Jacqueline Balzan pro et noe vs Joseph Balzan**, deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta u ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-1 ta' Frar 2016, fejn intqal illi:

> ***"M'hemmx dubju illi l-konvenut ghamel minn kollox sabiex ifarrak u jkisser iz-zwieg ta' bejn il-partijiet ghaliex bl-agir vjolenti u irresponsabbli tieghu irrendha l-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet mhux biss insopportabbli izda wkoll perikoluza.***

Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 51 tal-Kodici Civili:

> "***Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ,għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu."***

Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, illi l-komportament tal-intimat kemm versu martu u

kif ukoll versu uliedu, jissarraf fi ksur serju tal-obbligi tieghu bhala persuna mizzewga ai termini tal-artikolu 2 tal-Kodici Civili u l-obbligi tieghu bhala missier u ghalhekk huma tali li jattiraw l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 u tal-Artikolu 51 tal-Kodici Civili, li l-effetti taghhom qed jigu applikati kontra l-intimat.

***Kura u Kustodja ta' SM:***

Illi filwaqt li l-Qorti tifhem illi SM illum il-gurnata huwa maggorenni, il-kundizzjoni medika tieghu necessarjament tezigi illi genitur (jew il-genituri) jibqghu vestiti bil-kura u l-kustodja tal-istess. Illi fid-dawl tad-disinteress totali li l-intimat dejjem wera versu SM, din il-Qorti tafda l-kura u l-kustodja tal-istess SM esklussivament lir-rikorrenti, b'dana illi r-rikorrenti tkun awtorizzata tiehu dawk id-decisjonijiet kollha, ordinarji u straordinarji li jirrigwardaw lil SM wahidha, u minghajr il-firma, kunsens jew presenza tal-intimat.

***Manteniment:***

Rigward it-talba tal-attrici ghall-hlas ta' manteniment ghaliha nnifisha, din il-Qorti rat illi llum il-gurnata l-attrici ghandha l' fuq minn hamsin sena (50), u li kif spjegat l-istess attrici hija qatt ma hadmet ghaliex hi kienet il-*principal carer* ta' SM tul hajtu kollha. Ghalkemm illum SM huwa residenti f'*home*, l-attrici xorta wahda ghadha ggib lil binha f'darha b'mod regolari. Illi ukoll, il-Qorti rat illi bint l-attrici ghadu kif kellha tarbija u qieghda tghinha tiehu hsieb lit-tarbija waqt il-hinijiet tax-xoghol ta' bintha. Illi fid-dawl ta' dan kollu il-Qorti tordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlett mitt euro (EUR 300) bhala manteniment ghaliha.

Rigward it-talba tal-attrici ghall-hlas ta' mantneiment ghal iben il-partijiet SM, fic-cirkostanzi, din il-Qorti tordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' EUR 200.

***Komunjoni tal-Akkwisti:***

***Propjeta:***

Il-Qorti regghet rat is-sentenza *in parte* datata 14 ta' Lulju 2021 li permezz taghha ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li kienet ghadha *in vigore* bejn il-partijiet. Illi mix-xhieda tal-attrici jirrizulta illi l-partijiet kienu "hadu post tal-gvern" li hija attrezzata apposta ghall- bzonnijiet ta' SM kif anke xehdu Mariella Dimech u Maryanne Bonavia. Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet

maghmula aktar qabel, din il-Qorti tassenja d-dar matrimonjali u cioe, Block C Flat 1, Triq Berta Kilg San Giljan lill-attrici, b'dana illi mid-data ta' din is-sentenza r-responsabbilita' ghall-hlasijiet tal-kera ghandhom jinkombu unikament fuq l-attrici. Illi kwalunkwe arretrati li ghad hemm pendenti ghar-rigward id-dar matrimonjali ghandhom jithallsu unikament mill-intimat.

***Vettura:***

Illi mix-xhieda tal-attrici jirrizulta ukoll illi l-partijiet kienu xtraw vettura u li kienu hadu self sabiex setghu jixtru l-imsemmija vettura. Illi din il-Qorti tassenja din il-vettura lill-attrici stante li l-attrici ghandha bzonn l-imsemmija vettura kemm sabiex tkun tista' sabiex tkun tista tigbor u twassal lil SM.

***Kontijiet Bankarji:***

Il-Qorti tara illi ma ngabet l-ebda evidenza ghar-rigward kontijiet bankjarji ezistenti li jista' jkun hemm kemm f'isem il-partijiet wahidhom u kemm kontijiet in komuni. Illi ghar-rigward, il-Qorti tordna illi dawk il-kontijiet bankarji li qeghdin intestati fuq parti wahda biss, ghandhom jigu assenjati lil parti fuq isem min huma intestati. Fl-eventwalita' li hemm xi kontijiet li huma *joint,* dawn ghandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet.

***Djun:***

Illi fir-rigward ta' djun, u fl-eventwalita' li l-intimat ghamel xi djun tul il-hajja mizzewga (u cioe mid-data taz-zwieg tal-partijiet sad-data ta' din is-sentenza), u ghal liema dejn l-attrici ma ffirmatx ghalih, dan id-dejn qieghed jigi assenjat esklussivament lill-intimat. Illi fir-rigward tad-dejn fuq il-vettura li giet assenjata lill-attrici, stante li mix-xhieda ta' l-istess attrici jidher illi il-pagamenti dovuti qeghdin jithallsu mill-attrici, din il-Qorti jidhrilha illi dawn il-pagamenti ghandhom ikunu a karigu tal-attrici.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat; u tawtorizza lill-attrici sabiex tghix separatament minn ma' zewgha u tawtorizzha taghmel l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens, intervent u/jew awtorizzazzjoni tal-konvenut. Illi**

**ulterjorment tawtorizza lill-attrici b'mod esklussiv tirrisjedi fil-fond matrimonjali u tordna lill-intimat jizgombra mill-imsemmi fond fi zmien tlett gimghat minn din is-sentenza;**

2. **Tilqa' t-tieni talba u tafda l-kura u l-kustodja ta' SM esklussivament f'idejn l-attrici li ghandha tiehu wahida id-decizjonijiet ordinarji u straordinarji li jikkoncernaw lil SM;**
3. **Tordna lill-intimat ihallas s-somma ta' EUR 300 fix-xahar bhala manteniment ghall- attrici u s-somma ta' EUR 200 fix-xahar bhala manteniment ghal SM;**
4. **Tilqa' r-raba' talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet;**
5. **Tilqa' il-hames talba u tapplika kontra l-intimat *in toto* l-effetti tal-Artikolu 48 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili u tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali hekk kif mahsub fl-istess artikoli;**
6. **Tilqa' is-sitt talba u tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti bis-segwenti mod;**
   i. **Tassenja l-fond matrimonjali u cioe' Block C Flat 1, Triq Berta Kilg San Giljan lill-attrici, b'dana illi mid-data ta' din is-sentenza r-responsabbilita' ghall-hlasijiet tal-kera ghandhom jinkombu unikament fuq l-attrici. Illi kwalunkwe arretrati li ghad hemm pendenti ghar-rigward id-dar matrimonjali ghandhom jithallsu unikament mill-intimat;**
   ii. **Tassenja il-vettura mixtrija mill-partijiet lill-attrici b'dana illi kwalsiasi pagamenti ghar-rigward is-self li kienu hadu il-partijiet sabiex xtraw l-imsemmija vettura ghandhom ikunu a karigu tal-attrici;**
   iii. **Il-kontijiet bankarji ezistenti qed jigu assenjati lil dik il-parti fuq isem min ikunu intestati, b'dana illi kull parti ghandha tkun responsabbli ghal kwalunwke dejn intestat f'isimha;**
   iv. **Fl-eventwalita' li hemm xi kontijiet li huma *joint,* dawn ghandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet.**
   v. **Fl-eventwalita' li l-intimat ghamel xi djun tul tul il-hajja matrimonjali, (u cioe mid-data taz-zwieg tal-partijiet sad-data ta' din is-sentenza), u ghal liema dejn l-attrici ma ffirmatx ghalih, dan id-dejn qieghed jigi assenjat esklussivament lill-intimat;**
   vi. **Tiddikjara illi kwalunwke assi ohra, kemm mobbli u kif ukoll immobbli, qed jigu assenjati lil dik il-parti li jkunu jappartjenu.**

**7. Tinnomina lin-Nutar Dr Lisa Schembri sabiex tippubblika l-att relattiv u lil Dr Stephanie Caruana bhala kuratur deputat sabiex tirrapresenta lill-intimat fl-**

**eventwali kontumacja tieghu.**

**8. Tilqa t-tmien talba u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku.**

**Tordna komunika ta’ din is-sentenza lil Dr Lisa Schembri u lil Dr Stephanie Caruana.**

**L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tal-intimat.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**